**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 14/18**
**Wara sentenza tal-Arbitru (Att dwar is-Sigurta' Socjali) bin-numru 301/18 datata 18 ta' Ottubru, 2018**

**Sharon Spiteri (K.I. 203476M)**

**vs.**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

1. Dan huwa appell tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali a tenur tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

   a. Permezz ta' avviz mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datat 7 ta' Frar, 2018 l-appellata Sharon Spiteri giet infurmata li '*L-applikazzjoni tieghek ghall-GHAJNUNA SOCJALI (SA) kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx aktar intitolat/a ghal din l-"Ghajnuna" ghaliex Id-Direttur mhux sodisfatt li m'intiex impenjata f'xi attivita' kummercjali. …*'.

b. Permezz ta' avviz iehor din id-darba mit-Taqsima Allowance tat-Tfal fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datat ukoll 7 ta' Frar, 2018 l-appellata Sharon Spiteri giet infurmata li hija trid tirrifondi l-ammont ta' tliet mija hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€325.68) u dan peress li *'…minn investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali gie stabbilit li b'effett mit-12 ta' Jannar, 2018, id-Direttur mhux sodisfatt li m'intix impenjata f'xi attivita' kummercjali,. …'*. Din is-somma kienet ghall-perjodu bejn it-13 ta' Jannar, 2018 u s-6 ta' April, 2018 u kienu ser jitnaqqsu bir-rata ta' 30% mill-Allowance tat-Tfal.

c. Jumejn biss wara dawn iz-zewg avvizi precizament fid-9 ta' Frar, 2018 l-appellata Sharon Spiteri regghet giet moghtija avviz iehor ta' rimborz fl-ammont ta' disa' mija erbgha u hamsin ewro u sittin centezmu (€954.60) peress li allegatament rrizulta li thallset zejjed f'Ghajnuna Socjali mit-12 ta' Marzu, 2016 sad-9 ta' Frar, 2018. Bhala raguni nghatat 'EMPLOYED/MAINTENANCE'. Dan l-ammont kien sejjer jigi mnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Ghajnuna Socjali jew xi beneficcju iehor li hija setghet tircievi mid-Dipartiment.

d. L-appellata Sharon Spiteri ressqet appell datat 28 ta' Frar, 2018 u ntavolat fl-ufficju tal-Arbitru nhar il-5 ta' Marzu, 2018 fejn hija appellat mid-decizjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali. Fl-appell taghha hija ssottomettiet li jekk kien hemm xi rimborz dovut dan kellu jigi kkalkolat mid-data tal-1 ta' Frar, 2018 stante li dakinhar hija bdiet tahdem u mhux mid-data tat-12 ta' Marzu, 2016. Flimkien mal-appell taghha hija ntavolat diversi dokumenti fosthom kopja ta' applikazzjoni ta' *tampering of benefits* (Dokument D esebita fil-process tal-Arbitru); kopja tal-ftehim bejn Maltco Lotteries Limited u Paul Spiteri (Dokument E esebit fil-process tal-Arbitru); *Daily report* tal-banka tal-lottu (Dokument F esebit fil-process tal-Arbitru) u kopja ta' sett ta' *emails* li ccirkolaw

bejn l-Ispetturi tad-Direttorat ghall-Osservanza ta' Beneficcji u Paul Spiteri (Dokument G esebit fil-process tal-Arbitru).

e. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ressaq is-sottomissjonijiet tieghu permezz ta' ittra datata 9 ta' Mejju, 2018 fejn indika li l-Ghajnuna Socjali giet imwaqqfa ghar-raguni li kien dahal rapport mid-Direttorat tal-Osservanza tal-Beneficcji li l-appellata Sharon Spiteri kienet tahdem u qatt ma kienet avzat lid-Dipartiment b'dan it-tibdil. In oltre waqt l-investigazzjoni rrizulta li d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ma kienx qieghed jiehu konjizzjoni tat-tletin ewro (€30) fil-gimgha manteniment li l-appellata kienet qeghdha tippercepixxi minghand missier il-minuri Amber. Kien ghalhekk li d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali applika l-Artikolu 102 subartikolu 1 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta u talab ir-rimborz ghall-perjodu mit-12 ta' Marzu, 2016 sad-9 ta' Frar, 2018. Flimkien mas-sottomissjonijiet gie esebit rendikont redatt minn wahda certa Maria Zerafa tal-kalkolu kif inhadmet is-somma dovuta bhala rimborz.

f. Jirrizulta li saru diversi seduti quddiem l-Arbitru Dr Luciano Busuttil fejn l-appellata ressqet il-kaz taghha. Dawn is-seduti kienu s-segwenti:

   i. 18 ta' Mejju, 2018 – F'din is-seduta ma sar xejn stante li bi zvista l-Ispettur tad-Direttorat ghall-Osservanza ta' Beneficcji ma gietx ingunta sabiex tixhed;

   ii. 28 ta' Settembru, 2018 – F'din is-seduta xehdet l-Ispettur Caroline Muscat fejn ipprezentat rapport datat 23 ta' Jannar, 2018. Dan ir-rapport huwa ffirmat mill-Ispetturi Caroline Muscat u Franky Camilleri kif ukoll minn Alexander Agius – Assistent Direttur (Investigazzjonijiet) bid-data tal-25 ta' Jannar, 2018. Fl-istess seduta xehdet ukoll l-appellata Sharon Spiteri;

iii. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2018 inghatat sentenza.

2. Illi l-Arbitru permezz tad-decizjoni tieghu tat-18 ta' Ottubru, 2018 iddecieda kif isegwi:

> "Kwindi kwalsijasi rifuzjoni ta' ghajnuna socjali trid tibda tghodd mit-22 ta' Jannar 2018 billi huwa verosimili li l-appellanta kienet qed tahdem *ex admissis* minnha stess meta stqarret li qdiet lil xi klijenti meta kienet wahedha fil-banka. Huha ma telax jixhed biex jikkorrobora l-verzjoni taghha li kienet biss ghal tahrig u li ma kienx prezenti ghax kien hareg fuq qadja.
>
> Ghaldaqstant l-appell qed jigi milqugh u kwalsijasi tnaqqis li sar bl-avviz tad-9 ta' Frar 2018 ghandu jibda japplika mit-22 ta' Jannar 2018."

3. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hassu aggravat b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavola appell nhar id-29 ta' Novembru, 2018. Permezz tal-imsemmi appell huwa ressaq zewg (2) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

a. Apprezzament hazin tal-provi; u

b. Ommissjoni da parti tal-Arbitru li japplika l-Ligi.

4. L-appellata Sharon Spiteri wiegbet ghal dan l-appell nhar il-15 ta' Jannar, 2019 billi qalet li d-decizjoni hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata. L-appellata rribattiet dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellata kellha xi tghid is-segwenti:

i. Ma jezistux il-‘kazijiet eccezzjonali u motivi gravi’ sabiex din il-Qorti taghmel apprezzament tal-provi. F’dan l-istadju, l-appellant Direttur Generali ma jistax jippretendi li jressaq provi godda biex tigi kjarifikata l-evidenza prodotta quddiem l-Arbitru.

ii. Rigward meta l-attrici bdiet tahdem gie rilevat li peress li din kienet banka tal-lottu, bilfors ried ikun hemm perjodu ta’ *training* minhabba n-numru kbir ta’ loghob ezistenti. Id-Direttur Generali appellant huwa skorrett meta jrid japplika d-data tat-12 ta’ Jannar, 2018 bhala d-data li fiha l-appellata Sharon Spiteri bdiet l-impieg fil-banka tal-lottu. Issostni wkoll li l-ispettorat ma rax lill-appellata taqdi nies.

b. B’risposta ghat-tieni aggravju, l-appellata Sharon Spiteri wiegbet li nholqot konfuzjoni peress li l-appellant Direttur Generali tas-Sigurta’ Socjali ma tax ragunijiet u lanqas ressaq provi ghat-talba ghar-rifuzjoni.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel aggravju u t-Tieni aggravju**

6. Illi fl-ewwel aggravju tieghu d-Direttur Generali appellant jibda billi jikkwota minn numru ta’ sentenzi relatati mal-fatt li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ tribunal ta’ l-ewwel grad jekk mhux f’kazijiet eccezzjonali u ghall-motivi gravi.

Din l-Qorti hija konxja li huwa pacifiku li Qorti tal-Appell ma tindahalx, in linea ta’ massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew

ghall- motiv iehor gravi.[1] Madanakollu dan ma jfissirx li l-ezercizzju ta' dan il-poter diskrezzjonali huwa hekk assolut li ma jattirax lejh is-sindikabilita' ta' din il-Qorti meta jinstab li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw dan u jkun stabbilit li l-koncezzjoni tal-fatti jew tal-punt tad-dritt huma errati.[2]

7. Jirrizulta li l-kaz prezenti jirrigwarda zewg (2) decizjonijiet moghtija mid-Direttur Generali appellant, mil-liema decizjonijiet gie ntavolat appell quddiem l-Arbitru. Dawn id-decizjonijiet huma s-segwenti:

i. Decizjoni tas-7 ta' Frar, 2018 – Permezz ta' din id-decizjoni d-Direttur Generali appellant informa lill-appellata Sharon Spiteri li m'ghadhiex aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali (SA) peress li d-Direttur ma kienx sodisfatt li m'hijiex impenjata f'xi attivita' kummercjali.

   Fl-istess data u cioe' fis-7 ta' Frar, 2018 id-Direttur Generali hareg avviz iehor, din id-darba ta' rimborz minghand l-appellata Sharon Spiteri fl-ammont ta' €325.68 ghall-perjodu bejn it-13 ta' Jannar, 2018 u s-6 ta' April, 2018. Dan l-ammont kellu jigi rimborzat peress li d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ma kienx sodisfatt li l-appellata ma kinitx qeghdha mpenjata f'xi attivita' kummercjali.

ii. Decizjoni ohra datata 9 ta' Frar, 2018 – Permezz ta' din id-decizjoni li nharget biss jumejn wara l-avvizi precedenti, id-Direttur Generali appellant informa lill-appellata Sharon Spiteri li hija thallset zejjed bejn il-perjodu tat-12 ta' Marzu, 2016 u d-9 ta' Frar, 2018 is-somma ta' €954.60 rapprezentanti 'EMPLOYED/MAINTENANCE'.

[1] Elena Magri et -vs- Rosaria sive Rose Borg deciza fl-10 ta' Frar, 1961 mill-Qorti tal-Appell.
[2] Emanuel Galea -vs- Direttur tas-Sigurta Socjali deciza nhar it-13 ta' Gunju, 2007.

8. Jirrizulta li qabel ma nhargu d-dokumenti/decizjonijiet suesposti da parti tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali li sehh kien li d-Direttorat ghall-Osservanza ta' Beneficcji kien ircieva tliet (3) telefonati anonimi jallegaw *inter alia* li l-appellata Sharon Spiteri kienet qeghdha tabita mas-sieheb taghha Brendon Zammit fl-indirizz li ghandha ddikjarat mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Gie allegat ukoll li l-appellata kienet qeghdha tahdem gewwa banka tal-Lottu mit-Tnejn sas-Sibt fl-indirizz 41-43 fi Triq San Kristofru, Valletta, Malta u fejn gew specifikati l-hinijiet tal-allegat xoghol.

Jirrizulta li in segwitu ghal tali telefonati l-Ispettorat beda bl-istharrig tieghu, l-ewwel fis-sistema tal-*Common Data Base* (CDB) u prosegwew billi saru tliet (3) spezzjonijiet datati 4 ta' Dicembru, 2017 (fir-residenza tal-appellata), 10 ta' Jannar, 2018 (fir-residenza tal-appellata) u 22 ta' Jannar, 2018 (fil-banka tal-lottu fil-Belt Valletta). Minn dawn l-ispezzjonijiet irrizulta li:

(i) mhux minnu li l-appellata kienet qeghdha tirrisjedi mas-sieheb taghha Brendon Zammit fl-indirizz indikat mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Waqt din l-ispezzjoni l-appellata Sharon Spiteri ikkoperat bis-shih u minn imkien ma rrizulta li kien hemm xi tracca li l-imsemmi Brendon Zammit kien qieghed jirrisjedi maghha. Dak in-nhar stess infurmathom li kienet ser tibda tahdem fil-granet qrib;

(ii) minn spezzjoni li saret sussegwentement irrizulta li l-appellata kienet qeghdha wara l-*counter* f'banka tal-lottu fil-Belt Valletta. Hija kienet wahedha flimkien ma' minuri u meta giet mistoqsija dwar sid il-banka hija nfurmathom li hareg fuq qadja; u

(iii) irrizulta wkoll li d-Dipartiment fil-kalkoli tieghu ma kienx qieghed jiehu konjizzjoni tal-manteniment fl-ammont ta' €30 moghtija minn Brendon Zammit ghal bintu minuri Amber nonostante li l-appellata kienet infurmathom bl-istess.

Ir-rizultanzi suesposti gew kollha elenkati fir-rapport datat 23 ta' Jannar, 2018 redatt mill-Ispetturi Caroline Muscat u Franky Camilleri (ara kopja tar-rapport esebit fil-process quddiem l-Arbitru). Ir-rapport gie mahluf minn Caroline Muscat fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Settembru, 2018. Fid-dawl ta' dan, id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hareg id-decizjonijiet precitati.

9. Il-Qorti tirrileva mill-ewwel li l-Arbitru fid-decizjoni tieghu m'ghamilx distinzjoni bejn iz-zewg decizjonijiet u cioe' distinzjoni bejn il-kwistjoni tax-xoghol u dik tal-manteniment. Ghall-kuntrarju l-Arbitru ddecieda biss fuq il-kwistjoni tax-xoghol u halla kompletament barra l-kwistjoni tal-manteniment.

Fuq il-kwistjoni tax-xoghol m'hemmx dubju li l-appellata Sharon Spiteri kienet qeghdha tahdem. L-Arbitru nnifsu fid-decizjoni tieghu kkonferma li l-appellata kienet qeghdha tahdem ghaliex '*… billi huwa verosimili li l-appellanta kienet qed tahdem ex admissis minnha stess meta stqarret li qdiet lil xi klijenti meta kienet wahedha fil-banka.*' Il-kwistjoni li jifdal hija meta l-appellata Sharon Spiteri bdiet effettivament tahdem. L-Arbitru ddecieda li l-appellata bdiet tahdem fit-22 ta' Jannar, 2018 l-ghaliex dakinhar marru l-Ispetturi tad-Direttorat ghall-Osservanza ta' Beneficcji u hemmhekk sabuha wahedha wara l-counter fil-banka tal-lottu.

Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Arbitru li l-appellata bdiet tahdem biss nhar it-22 ta' Jannar, 2018. Ibda biex l-appellata nnifisa fid-depozizzjoni taghha fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2018 ikkonfermat li hija bdiet bhala tahrig '*…Appellanti: xi ten days*'. Dan ifisser li hija bdiet bit-tahrig fit-12 ta' Jannar, 2018. Jumejn biss qabel din id-data u cioe' fl-10 ta' Jannar, 2018 (li fiha hija allegatament kienet ser tibda bit-tahrig gewwa l-banka tal-lottu), l-appellata kellha spezzjoni mill-Ispetturi fid-dar taghha u fejn giet mistoqsija specifikatament jekk tinsabx f'impieg. It-twegiba ta' l-appellata kienet li kellha mpieg prospettiv f'banka tal-lottu pero' ma lissnet xejn dwar tahrig li kienet sejra taghmel jumejn wara! Il-

fatt li dan ma ssemmiex minnha xejn ma jimmilita favur il-verzjoni tal-appellata.

Ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti tqis li ghandha tigi applikata d-data tat-13 ta' Jannar, 2018 bhala d-data li minnha ghandu jibda l-kalkolu ghar-rimborz ma' dak relatat ma' xoghol kif jidher kalkolat fid-dokument esebit fil-process tal-abritru u li jidher li huwa minuti tal-istess Direttur mmarkat bil-fol. 173 u ffirmat minn Maria Zerafa.

10. Fir-rigward ir-rimborz mitlub relatat mal-kwistjoni tal-manteniment jigi nnutat li fid-decizjoni tad-9 ta' Frar, 2018 id-Direttur Generali ndika li l-appellata thallset zejjed l-ammont ta' €954 tal-perjodu mit-12/03/2016 sa 09/02/2018 ta' 'EMPLOYED/MAINTENANCE'.

L-Arbitru fid-decizjoni tieghu ma hax konsiderazzjoni tad-decizjoni tad-9 ta' Frar, 2018 anzi jindika li stante li din id-decizjoni giet mibghuta jumejn biss wara, holqot konfuzjoni mal-kwistjoni tax-xoghol. L-Arbitru lanqas ma ta kaz tar-rendikont li gie esebit mas-sottomissjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali datata 9 ta' Mejju, 2018 minn fejn jirrizulta ezattament l-origini tal-ammont ta' €954. Minn dan ir-rendikont (kif gia nghad iffirmat minn Maria Zerafa) jirrizulta li l-ammont ta' €452.16 jirrapprezenta *overpayment* ta' manteniment filwaqt li l-ammont ta' €502.44 jirrapprezenta *overpayment* relatat max-xoghol.

Fic-cirkostanzi l-Arbitru ma setax ihalli din il-kwistjoni tal-manteniment pendenti l-ghaliex id-decizjoni tad-9 ta' Frar, 2018 hija komposta minn zewg ammonti bhalma gia nghad. Illi hawn hekk jidhol l-ezami tat-tieni aggravju li huwa l-ommissjoni da parti tal-Arbitru li japplika l-Ligi.

L-Artikolu rilevanti f'dan il-kaz huwa l-Artikolu 102 subartikolu 1 (ii) li jitratta specifikatament fuq hlasijiet mhallsa ndebitament. Dan l-Artikolu jaqra kif isegwi:

Hlief kif provdut fl-artikolu 98(3), b'sehh mill-1 ta' April, 1978, kull persuna li tkun irceviet xi somma bhala beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att li ma kellhiex dritt ghalih skont id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandha thallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irceviet, u d-Direttur ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor li taghtih il-ligi, jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li jkollha dritt ghalihom wara dan:

Iżda, b'sehh mis-6 ta' Jannar 1990 –

*(i) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kienux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur iżda fl-ebda każ ma għandu jkun anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan;*

*u*

*(ii) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso, ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant konċernat, skont kif ikun il-każ, jitlob illi rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata; iżda hekk illi fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu*

> *dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perjodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perjodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi:*
>
> *Iżda wkoll, ħlief għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (i) tal-Proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu u d-dispożizzjonijiet relatati mal-perjodu ta' snin li dwaru flus imħallsa żejda għandhom jiġu rifużi kif imsemmi fil-paragrafu (ii) tal-imsemmi proviso, il-proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu għandu, b'effett mis-6 ta' Jannar, 1990 japplika wkoll għall-każijiet fejn dak il-ħlas żejjed sar jaf bih id-Dipartiment f'xi żmien qabel is-6 ta' Jannar, 1990, u dak il-ħlas żejjed jew parti minnu kien għadu dovut lid-Dipartiment wara d-data fuq imsemmija.*

Illi fil-kaz taghna mhux ikkuntestat minn naha tad-Direttur Generali appellant li n-nuqqas ta' kalkolu tal-manteniment ta' €30 kien rizultat ta' zball da parti tieghu u li l-appellata kienet fil-fatt infurmathom bil-manteniment li kien qed jithallas lilha. Fil-fatt fil-kalkolu tieghu d-Direttur Generali ma talabx r-rimborz totali pero' talab biss tal-ahhar sentejn (2) u dan hekk kif jistipula l-Artikolu appena citat. Fic-cirkostanzi d-Direttur ma kellux ghazla ohra hlief li jottempera ruhu u jitlob ir-rimborz a bazi tal-Artikolu 102 (1) (ii), l-ghaliex l-istess Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali huwa obbligat bil-ligi li jigbor lura flus imhallsa ndebitament.

Madanakollu din il-Qorti nnutat li l-Artikolu 102 (1) (ii) jistipula li t-tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna li d-Direttur Generali jkollha dritt ghalihom ghandu jigi deciz mid-Direttur pero' f'ebda kaz ma ghandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata tal-beneficcju, pensjoni, allowance etc. Fil-kaz odjern giet applikata r-rata ta' 30% bi ksur tad-dettami tal-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tad-Direttur appellant salv li bhala rata' tat-tnaqqis minn

kwalunkwe beneficcju ghandha tigi applikata dik ta' 5% flok dik ta' 30%.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali appellanti tghaddi sabiex tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Arbitru datata 18 ta' Ottubru, 2018 u tikkonferma d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datati 7 ta' Frar, 2018 u 9 ta' Frar, 2018 salv li bhala rata tat-tnaqqis minn kwalunkwe beneficcju ghal dak li ghandu x'jaqsam il-hlas zejjed dwar manteniment ghandha tigi applikata r-rata ta' 5%.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellata.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**